# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 81, miżmuma nhar 20 ta' Ġunju 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Ivan Bartolo | Mosta LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Maria F Deguara | Naxxar LC | Viċi-President |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| • Mauro Micelli | Swieqi LC | Membru |
| • Dean Hili | Pembroke LC | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Hwejjeġ oħra:
7. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza.

## 1. Qar ta’ Appologiji

Is-sinjuri, Marija Deguara, Peter Sant Manduca u Mauro Micelli, Charles Azzopardi u Dean Hili kienu skuzati.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-President qara l-ittri tal-laqgħat numri 79 u 80 ma inzammux minħabba nuqqas ta’ kworum.

Il-Minuti tal-laqgħa numru 77 miżmuma fl-20 ta’ April 2017, ittieħdu bħala moqrija. Emvin Bartolo ippropona li jkunu approvati. Issekonda Paul Vella. Il-minuti kienu approvati mill-membri kollha unanimanet.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Membership mal-grupp internazjonali Euromed Cities Network. Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-ittra tal-Euromed Cities Network fejn ir-reġjun intalab jingħaqad ma' din l-organizazjoni internazjonali. Il-ħlas annwali tas-sħubija huwa ta' 500 Euro fis sena. Paul Vella ippropona li r-Reġjun jingħaqad ma' din l-organizazjoni. Anton Mifsud issekonda il-mozjoni. Il-membri qablu unanimanet.

Financial Statement – Is-segretarju Eżekutiv qal li għadu jistenna l-kummenti finali mingħand l-awdituri. Is-segretarju Eżekutiv intalab izomm lid-dipariment infurmat b'dan.

Tender tad-dawl- Preżentament dan jinsab għal-evalwazjoni.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

Il-Lesa, f-Mejju li għadda qasmet numru ta' fondi lil Kunsilli u r-Regjuni. Lir-Reġjun Tramuntana għadditlu 53K ewro li ser ikunu administrati mill-AKL. B'dawn il-fondi, ir-reġjun Tramuntana jista' itella' numru ta' attivitajiet Kulturali u sportivi. Is-segretarju eżekutiv issuġġerixxa jerġa ilaqqa lis-sottokumitat ta'kultura u sport, u hawn il-membri jiddiskutu numru ta'proposti u jhejju pjan għall-Kumitat Reġjonali. Il-membri qablu u talbu lis-segretarju jimxi fuq din il-linja.

Paul Vella preżenta l-idea li r-Reġjun jingagga direttur artistiku biex jieħu ħsieb il-kultura għar-reġjun kollu. Din il-proposta għandha tkun diskussa iktar fil-fond.

## 4. Korrispondenza

Is-segretarju eżekutiv preżenta l-ittra mid-direttur tal Kunsilli rigward fond ta' 100K euro għal tarmac fil-lokalitajiet tat-Tramuntana. Il-membri iddiskutew it-tqassim ta' dawn il-fondi u qablu li jitqassmu jkond il-popolazjoni. Is-segretarju ser jikteb lill-Kunsilli u jitlobhom dawn l-affarijiet hawn taht:

- Fejn ser issir ix-xogħol
- Stima tax-xogħlijiet minn perit kwalifikat
- Kif ser jigi iffinanzjat il-progett
- Pjanta tas-sit
- Deskrizjoni tax-xogħol
- Data tat-tlestija tal-proġett (mhux aktar tard mill-Ħamis 30 ta' Novembru)



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-segretarju eżekutiv ser jistaqsi jekk hux possibli issir konkret flok tarmac lid-Direttur. (nota: id-direttur ikkonferma li l-fond mgħoddi huwa għal-tarmac)

## 5. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv reġa preżenta l-iskeda tal-pagament numru 79, fejn fija kienu miġbura il-pagamenti dovuti lill-Pulizija u lill-Prosekutur. Il-membri kollha tennew il-posizzjoni milħuqa xhur ilu li l-ebda pagament direttament relatat mal-operazzjoni tal-Lesa ma għandu jitħallas sakemm il-Lesa tibda tħallas lura l-ispejjes tar-Reġjun, hekk kif kien miftiehem. Għaldaqstant, il-membri kollha proponew u issekondaw il-możżjoni li skeda 79 tkun miżmuma u ma titħallasx.

Is-segretarju Eżekutiv preżenta ukoll l-skeda tal-pagament numru 81. Paul Vella ippropona, u Ivan Bartolo issekonda li tkun approvata. Il-membri qablu li skeda tkun approvata, izda zammew 3 pagamenti – relatati mal-fuel. Sandro Azzopardi saqsa xini il-VPS ta’ Smart ICT. Is-segretarju Eżekutiv spjega li din kienet il-hosting system tas-sistema Cabinett Filing system, li kienet diskussa u approvata xhur ilu. Spjega li meta kienet diskussa, kien hemm l-optzjoni li wiehed jixtri s-sistema, pero intagħżel li tinkera minħabba il-fatt li mikrija, ma hemmx il-bzonn li wiehed jieħu ħsieb il-manutenzjoni, peress din kienet ir-responsabilita ta’ min għandu l-apparat. B’hekk intagħżel li tinkera s-sistema u mhux tinxtara. Is-sur Azzopardi talab biex jara id-dokumenti kollha relatati ma’ din l-akwist.

**Affarijiet ohra**

ESC plan proposals.

Il-membri qablu li ssir laqgħa dwar dan nhar it-Tnejn 3 ta’ Lulju fis-19.30 ġewwa l-ufficju tar-Reġjun. Fl-istess ġurnata, ser issir laqgħa fis-18.00 rigward l-attivitajiet Kulturali.

Cultural Innovation Fund: id-dipartiment kien ħareg skema ġdida ta' 40K ewro fis-sena għall-tlett snin. Is-segretarju eżekuttiv preżenta proposta sabiex issir programm ta' taħrig għaz-zagħzagħ abazi regjonali. Dawn ikunu qed jitħargu u jaħdmu flimkien biex jibnu u jagħmlu team ta' kayaks tal-injam. Għal dan il-għan, staqsa lil kumpanija staqsa Funding Support u dawn urew l-interess li jaħdmu fuq din il-proposta. Il-hlas ikun ta 1003 Ewro. Anton Mifsuud ippropona, li-Reġjun jaħdem fuq din l-idea u li kumpanija Funding Support tingħata l-inkarigu li tlesti il-proposta. Paul Vella issekonda il-Mozjoni. Il-membri qablu ma din il-mozjoni.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fis-17 ta' Lulju, fi 19.30 hrs.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...12 ta' Ġunju 2017



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt